# ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

## Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

## It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

### L-Eżamijiet Alternattivi ta' Nofs is-Sena għall-Iskejjel Primarji 2017

| KARTA ALTERNATTIVA 2 | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba) | Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: __________

| Il-Marki | |
|---|---|
| Il-Fehim mill-Qari | Il-Kitba |
| ________<br>20 marka | ________<br>40 marka |

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli xejn barra.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li tkun ħallejt barra.

IL-FEHIM MILL-QARI

A. Stefan u l-ħbieb tiegħu Aldo, Mark u Luke għamlu proġett fuq il-ġiraff.

Aqra l-informazzjoni li kitbu fuq kartonċina:

## Il-Ġiraff




| | |
|---|---|
| 1. Tul | Hu l-itwal annimal fid-dinja. Il-ġiraff hu itwal mill-ġiraffa. |
| 2. Qrun | Il-ġiraff u l-ġiraffa t-tnejn għandhom il-qrun. |
| 3. Ilsien | Ta' lewn blu skur jew iswed. |
| 4. Għonq | Għandu l-itwal għonq mill-annimali kollha. |
| 5. Saqajn | Ta' quddiem huma itwal minn ta' wara. Kull sieq itwal minn bniedem. |
| 6. Ġilda | Safra bi ċrieki kannella. Kull ġiraff għandu ċrieki ta' forom differenti. |
| 7. Denb | Għandu l-itwal denb mill-annimali kollha fid-dinja. Fit-tarf għandu pil iswed twil biex ikeċċi d-dubbien. |

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt.**

**1. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba biex turi hux veru jew falz.** (4 marki)

| | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|
| a. Il-ġiraff hu l-itwal annimal fid-dinja. | | |
| b. Il-ġiraffa biss għandha l-qrun. | | |
| ċ. Is-saqajn ta' wara tal-ġiraff huma itwal minn ta' quddiem. | | |
| d. Il-ġiraff juża denbu biex ikeċċi d-dubbien. | | |

**2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. L-ilsien tal-ġiraff hu ta' lewn | | kannella. |
| | | blu skur. |
| | | aħdar. |
| b. Saqajn il-ġiraff huma | | daqs bniedem. |
| | | itwal minn bniedem. |
| | | iqsar minn bniedem. |
| ċ. Il-ġiraff għandu l-itwal | | qrun u denb mill-annimali kollha. |
| | | qrun mill-annimali kollha. |
| | | għonq u denb mill-annimali kollha. |

**3. Imla l-vojt bil-kliem it-tajjeb.** (3 marki)

Stefan, Luke, Mark u A________________ għamlu proġett fuq il-ġiraff. Kitbu dwar it-tul, il-qrun, l-ilsien, l-għonq, is-s________________, il-ġilda u d-d________________ tal-ġiraff.

**B. Aqra l-informazzjoni li l-grupp ta' ħbieb kitbu dwar il-ġiraff.**

## L-Ewwel Parti

Il-ġiraff jgħix fil-kontinent tal-Afrika. Hu juża t-tul tiegħu biex jara fil-bogħod u biex jiekol il-weraq mis-siġar tal-Akaċja. Il-ġiraff jiekol biss il-ħaxix u jgħaddi ħafna aktar mill-ġemel mingħajr ilma. Jieħu l-ilma mill-weraq li jiekol. Il-ġiraff jixrob aktar minn tnax-il gallun ilma f'salt. **(par. 1)**

**1. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba biex turi hux veru jew falz.** (3 marki)

| | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|
| a. Il-ġiraff jgħix fil-kontinent tal-Amerka. | | |
| b. Il-ġiraff jiekol il-weraq tas-siġar tal-Akaċja. | | |
| ċ. Il-ġemel jgħaddi iktar mill-ġiraff mingħajr ilma. | | |

## It-Tieni Parti

Il-ġiraff jgħix fi grupp. Jgħaddi l-biċċa l-kbira minn ħajtu bilwieqfa. Ilsienu hu skur biex ma jinħaraqx bix-xemx meta jkun qed jiekol. Il-ġiraffa jkollha ferħ wieħed f'ħajjitha. Dan idum madwar ħmistax-il xahar biex jitwieled. Il-ġiraffa twelled bilwieqfa. **(par. 2)**

**2. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba.** (4 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. Il-ġiraff jgħix | | f'pari. |
| | | waħdu. |
| | | fi grupp. |

| | | |
|---|---|---|
| b. Minflok il-frażi **l-biċċa l-kbira minn ħajtu,** nistgħu ngħidu | | kultant. |
| | | ħafna żmien. |
| | | qatt. |

| | | |
|---|---|---|
| ċ. Biex ma jinħaraqx bix-xemx, ilsien il-ġiraff | | huwa abjad. |
| | | huwa skur. |
| | | huwa ismar. |

| | | |
|---|---|---|
| d. F'ħajjitha l-ġiraffa jkollha | | ferħ wieħed. |
| | | żewġt ifrieħ. |
| | | ħamest ifrieħ. |

## It-Tielet Parti

Aktar ma l-ġiraff jikber, aktar jiskuraw iċ-ċrieki kannella tiegħu. Il-ġiraff jgħix madwar 25 sena. L-akbar għedewwa tiegħu huma l-iljuni u l-bnedmin. Il-bniedem ifittex il-ġiraff għal laħmu, għall-ġilda sabiħa tiegħu u għal denbu. Il-ġiraff jinsab fil-periklu għax qed jinqered il-post fejn jgħix. **(par. 3)**

**Wieġeb:**

3. Semmi żewġ għedewwa tal-ġiraff. (2 marki)

________________________________________________

________________________________________________

4. Għaliex il-bnedmin jaqbdu l-ġiraffi? Agħti raġuni waħda. (marka)

________________________________________________

________________________________________________



## IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA

**1. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-ġenb.** (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| **Eżempju:**  | It-tifla **<u>torqod</u>** fuq is-sodda. | torqod/ tiekol |
| a.  | Stella ____________ il-bitħa. | tiknes/ tikteb |
| b.  | Mark _____________ l-ilma. | jiekol/ jixrob |

**2. Imla l-vojt b'partiċella bl-artiklu bħal fl-eżempju.** (2 marki)

| | |
|---|---|
| **Eżempju:**  | Anton ħareġ **<u>man-</u>**nannu. |
| a.  | Il-qattus daħal ____________ kaxxa. |
| b.  | Il-kuġin kien ____________ nervi. |
| ċ.  | Il-flokk ____________ iskola kien jilbsu ___________ xitwa. |

## 3. Aqta' linja taħt it-tajba. (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| **Eżempju:**  | Iqassam l-ittri. | <u>pustier</u>/għalliem |
| a.  | Jikkura s-snien. | mekkanik/dentist |
| b.  | Iżomm l-ordni. | pulizija/mastrudaxxa |
| ċ.  | Jibni d-djar. | bennej/pittur |

## 4. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. (3 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| bojod | tinten | sinjur | ~~ifuħ~~ |

| | |
|---|---|
| **Eżempju:**  | kejk **<u>ifuħ</u>** |
| a.  | raġel ________________________ |
| b.  | snien ________________________ |
| ċ.  | kalzetta ________________________ |

## 5. Ikteb x'inti tara fl-istampa bħal fl-eżempju u żid miegħu l-artiklu.

(10 marki)

| **Eżempju:**  | <u>il-qamar</u> |
|---|---|

| | |
|---|---|
| a.  | = ______________________ |
| b.  | = ______________________ |
| ċ.  | = ______________________ |
| d.  | = ______________________ |
| e.  | = ______________________ |

B. Ikteb erba' oġġetti li hemm fl-istampa u mmarkahom bi vleġġa.

Ara l-eżempju. (4 marki)



**Ċ. Il-kitba ta' djalogu.** (4 marki)

Għada sejjer tixtri rigal lil ommok għal għeluq sninha. Ċempilt lill-ħabib tiegħek Carlo biex jiġi miegħek. Ikteb x'għidtu lil xulxin billi tkompli d-djalogu.

**Kompli dan id-djalogu li kellkom bejnietkom.**

| | |
|---|---|
| INT | Ħelow, kif inti Carlo? |
| Carlo | Jien tajjeb. X'għandek bżonn? |
| INT | Ommi se tagħlaq sninha u xtaqt immur nixtrilha rigal. <br> ______________________________________________? |
| Carlo | Iva, mela le! X'ħin niltaqgħu? |
| INT | ______________________________________________. |
| Carlo | Tajjeb ħafna. Fejn niltaqgħu? |
| INT | ______________________________________________. |
| Carlo | Kollox sew mela. Narak għada. |
| INT | Grazzi! Saħħa. |

**D. Il-kitba ta' storja qasira.**

**Ħares lejn l-istampa u ikteb ftit sentenzi dwarha. Ikteb bejn 40 u 60 kelma.**

## Ġurnata fil-kampanja

Kemm marru nies fil-kampanja?

Min kienu?

Fejn marru?

X'qagħdu jagħmlu?

X'kielu?

X'ħin marru lura d-dar?



**Dan il-kliem jista' jkun ta' għajnuna:**

| | | |
|---|---|---|
| familja | ikel | ħobż |
| ballun | ħaxix | pjaċir |
| dvalja | basket | dulliegħa |

**1. IL-PJAN** (2 marki)

**2. Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja.** (10 marki)